MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Numru. 552/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEITH ARNAUD**
**VS**
**AHMED ABDALLA YAKOUP**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ahmed Abdalla Yakoup ta’ 20 sena, iben Abdul u Alija Khalid, imwieled il-Palestina nhar it-8 ta’ Settembru 1987, residenti gewwa Marsa Open Centre, Marsa u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 36224(A).

Illi huwa akkuzat talli:

Nhar id-19 ta’ Gunju 2008, ghall-habta ta’ 16:30hrs, minn gewwa il-Bajja ta’ l-Exiles, Sliema, ikkommetta serq aggravat bil-valur tal-haga misruqa huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disghin u

ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u dan ghad-detriment ta’ Andrew Camilleri u Elka Borg minn Tas-Sliema;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta serq aggravat bil-valur, liema valur tal-haga misruqa huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disghin u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u dan ghad detriment ta’ Predrag Petkovic mill-Imsida;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi ittanta jisraq basket minn fuq l-istess bajja ghad-detriment ta’ persuna jew persuni mhux maghrufa, liema tentattiv ta’ serq, li kieku sar kien ikun aggravat bil-valur liema valur ma jeccediex l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centenzmu (2,329.37) liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin jew waddabhom jew qabad armi u cioe qabad tlett seringi kontra Victor Spiteri u Jason Spiteri u Jason Schembri, it-tnejn minn Tas-Sliema;

U akkuzat ukoll talli fit-22 ta’ Gunju 2008, ghall-habta ta’ 18:15hrs, gewwa Triq Ponsomby, Gzira, kellu fuqek arma li taqta’ u bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Il-Qorti hija gentilment mitluba biex titratta ma’ l-imputat bhala li huwa recediv b’sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula u aktar talli kiser il-provedimenti ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta billi kkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu ta’ sentenza sospiza ghal sena moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D. fid-19 ta’ Dicembru 2007.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal tad-19 ta' Novembru, 2008 (fol.71) fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi x-xhieda ta' l-Ispettur Keith Arnaud (fol.8 et seq.) jirrizulta illi fid-19 ta' Gunju 2008, il-Pulizija ta' l-Ghassa tas-Sliema kienu gew infurmati li kien hemm persuna li kienet qed tisraq il-basktijiet minn fuq il-bajja ta' l-Exiles. Il-Pulizija tad-distrett acceddew fuq il-post minnufih, pero' s-suspettat ma setghax jinstab. Aktar nies, fosthom Andrew Camilleri, Victor Spiteri u Jason Schembri infurmaw lil Pulizija li kienu raw persuna ta' nazzjonalita' barranija jisraq basket. Qalulhom illi kienu grew warajh u rnexxielhom iwaqqfuh fejn il-gnien Indipendenza, illi dan il-persuna kien hareg tlett (3) seringi minn gol-but u qalilhom biex ihalluh ghax "Ha twahhluni l-habs." Dawn il-persuni kienu rnexxielhom jehdulu l-basktijiet izda s-suspettat kien harbilhom. Tlett (3) ijiem wara, u cioe fit-22 ta' Gunju 2008, ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija (6:30p.m.) Andrew Camilleri kien informa lil Pulizija illi kien gharaf lis-suspettat f'*Ponsomby Street,* Gzira. Illi dana nforma lil Pulizija li kien segwih u fil-fatt il-Pulizija accedew minnufih u cioe PS 70 u PC 118 arrestaw lill-imputat li kien qieghed ghand Tanti Palmier, *Ponsomby Street,* Gzira.

Spettur Keith Arnaud xhed illi l-imputat kien irrilaxxa zewg (2) stqarrijiet, Dok.KA (a fol.12) u Dok.KA2 (a fol.16). Spettur Keith Arnaud xhed illi kienet twettqet tfittxija fuq il-persuna ta' l-imputat u fuqu kienu nstab mus li gie ezebit bhala Dok.KA1 fiz-zewgt stqarrijiet l-imputat kien innega l-involviment tieghu fis-serqiet u qal ukoll illi l-mus kien uzah ghal xoghol tieghu fil-kisi u fil-gibs u li kien nesieh fuqu avolja kienet il-gurnata tal-Hadd. Spettur Keith Arnaud (a fol.10) xhed illi huwa kien ukoll gie moghti baskett minn tlett (3) persuni li kienu qabdu lill-imputat, kontenenti diversi bcejjec tal-hwejjeg illi fuqhom kienu jidhru t-*tags* tal-hwienet u l-propjetarju ma kienx maghruf (l-ezebit Dok.KA3).

Fl-istqarrija tieghu,(a fol.12 et seq.) l-imputat, xhed illi kien ilu Malta mit-2004 u kien jahdem xoghol ta' kisi. Miktub jghid x'kien qed jaghmel fil-gurnata tad-19 ta' Gunju 2008, l-imputat stqarr illi huwa kien xoghol f'Birkirkara, mid-disgha (9:00a.m.) sas-siegha u nofs (1:30p.m.). Wara dan il-hin ma setghax jiftakar fejn kien u stqarr illi kien qieghed go xi hanut jew go xi bar. Miktub jghid il-lokalita', l-imputat irrisponda:

***"Mhux dejjem l-istess, semmi post li trid inti, basta mhux ta' Sliema."***

**u dana stante' illi ma tantx ikun tas-Sliema. Mitlub jghidlu il-ghaliex meta gie mitkellem mill-Pulizija, kien l-ewwel qalilhom illi kien xoghol il-Gzira fit-Taormina Hotel u issa kien qed jghid illi kien xoghol Birkirkara, l-imputat xhed illi forsi fehmu hazin. Mitlub jghidlu il-ghaliex, fil-fatt zied jghid illi wara x-xoghol kien mar sax-xatt izda mhux iktar 'il fuq mill-Preluna Hotel, l-imputat jirrispondi:**

***"Ma niftakarx id-data ghax qieghed fuq il-pinnoli."*** **(ara fol.13)**

Mitlub, kif jispjega illi tlett (3) minn nies rawh jisraq basktijiet mix-xatt ta' tas-Sliema, l-imputat stqarr illi dawn in-nies kienu giddibin u li hu ma kien seraq xejn. Mitlub jispjega kif dawn it-tlett (3) minn nies kienu anke

sahansitra gharfu hwejjgu il-ghaliex kien liebes l-istess hwejjeg illi kien liebes tlett (3) ijiem ilu waqt illi wettaq is-serqa, l-imputat jichad. Mitlub jghid il-ghaliex, fil-fatt, lil Pulizija, ilu tlett (3) ijiem ma jinhasel u ilu bl-istess hwejjeg ghal dawn l-ahhar tlett ijiem, l-imputat stqarr (a fol.14) illi mhux vera illi kien qal hekk lil Pulizija. L-imputat xhed illi huwa kellu l-vizzju tad-droga fil-passat. Mitlub jghid il-ghaliex allura l-Pulizija kellhom jiehduh id-Detox sa dakinhar stess, l-imputat xhed illi dan gara mhux sabiex jiehu l-*Metadone*. L-imputat innega li huwa jghix fi *flat* il-Gzira jew tas-Sliema.

**Fit-tieni stqarrija tieghu (Dok.KA2), l-imputat innega l-allegazzjonijiet kollha maghmula u nnega wkoll illi wiehed mill-basktijiet illi kien qieghed fil-pussess tal-Pulizija, u cioe Dok.KA3, fil-fatt kien il-baskett tieghu.**

Andrew Camilleri (a fol.19 et seq) xhed illi dakinhar ta' l-incident kien qed jghum tas-Sliema u kien mat-tfajla tieghu u li kienu hallew baskett fuq il-blat. Ikkonferma illi meta telghu mill-bahar, sabu li l-baskett tat-tfajla tieghu kien insteraq. Kienu ddecidew illi jmorru d-dar u kif kienu tilghin raw persuna illi kien mizmum minn persuni ohra. Andrew Camilleri xhed illi resaq lejhom u saqsihom jekk kien il-persuna illi seraq xi basktijiet, ra illi fost il-basktijiet illi kienu vicin il-persuna maqbudha, l-baskett tat-tfajla tieghu ma kienx wiehed minnhom u sa dan it-tant, l-imputat, harab jigri. Andrew Camilleri xhed illi hwua telaq jigri ghal warajh izda kien tilfu go wahda mis-*side roads*. Andrew Camilleri xhed illi meta raw illi l-baskett tat-tfajla tieghu ma kienx fost il-basktijiet li kienu gew mehuda mill-imputat, bdew tfittxija ghal *hand-bag* tat-tfajla tieghu fuq il-blat. Fil-fatt dan instab wara dghajsa minghajr l-affarijiet go fih. Fil-fatt kienu naqqsu *mobiles* u l-flus illi kien hemm fil-*hand-bag*. Illi wara dan huma kienu ghamlu rapport fl-Ghassa koncernata. **Xi ftit granet wara waqt illi huwa kien ghaddej il-Gzira, f'*Ponsomby Street*, Andrew Camilleri ra lill-imputat u ghaldaqstant cempel lil Pulizija minnufih. Andrew Camilleri xhed illi l-imputat kien liebes l-istess hwejjeg li kienu fuqu meta l-imputat wettaq is-serqiet indikati fic-citazzjoni. A fol.21, Andrew Camilleri gharaf lill-imputat bhala l-**

**persuna li kien seraq il-*hand-bag* tat-tfajla tieghu u li kien indika lil Pulizija hanut f'*Ponsomby Street*.** A fol.21 u fol.22, Andrew Camilleri spjega kif l-imputat kien gie maqbud waqt illi kien qed jisraq il-basktijiet ta' zewg turisti u li l-imputat kien gie mizmum minn Victor Spiteri u minn Jason Schembri, illi kienu tawh twissija **illi l-imputat kien hargilhom u xejrihom is-seringi.** Andrew Camilleri xhed illi fil-*hand-bag* tat-tfajla tieghu kien hemm zewg (2) *mobiles* illi jiswew *seventy pounds u seventy-five pounds* rispettivament b'total ta' *one-hundred and forty five pounds* u hamsin Euro fi flus. L-istima taz-zewg (2) *mobiles* giet ezebita u mmarkata bhala Dok.AC (a fol.24).

Victor Spiteri (a fol.25 et seq.) xhed illi waqt illi kien qieghed tas-Sliema bil-kelb tieghu huwa kien ra lill-imputat li gharfu bhala l-imputat prezenti fl-awla u li kien liebes l-istess *top* illi kien liebes dakinhar tas-serqa u kompla jixhed illi kien ra lill-imputat jisraq baskett ta' turist u jitlaq jigri. Dan it-turist intebah minnufih u telaq jigri wara l-imputat u ghaldaqstant Victor Spiteri hass illi kellu wkoll jghin lil dan it-turist billi jitlaq jigri wara l-imputat. Fil-fatt bejniethom kienu lahquh u hadulu z-zewg (2) basktijiet illi kellu fil-pussess tieghu. Muri l-ezebit Dok.KA3, Victor Spiteri gharaf dan bhala wiehed mill-basktijiet misruqa flimkien mal-kontenut. Victor Spiteri xhed illi wara li hadulu l-basktijiet, l-imputat beda jghidilhom sabiex ma javzawx lil Pulizija u f'mument minnhom hareg zewg (2) seringi minn gol-but tal-qalziet u beda jheddidhom bihom. Minn hemmhekk, Victor Spiteri halla lill-imputat ghaliex beza. Il-baskett l-iehor kien gie kkonsenjat lil zewg (2) turisti ohra u Victor Spiteri kien qalilhom sabiex ma jiccaqalqux minn fuq il-post sakemm jigu l-Pulizija. Dawn it-turisti pero' kienu stennew ftit u mbaghad qabbdu u telqu.

Jason Schembri (a fol.29) xhed illi dakinhar ta' l-incident huwa kien qed jistrieh hdejn xatt il-bahar, hdejn l-*Exiles,* meta ra lil persuna ohra b'kelb jigri 'il fuq u cioe lil Victor Spiteri u ddecieda li jmur jara x'gara u segwih. Ftit qabel kien ra persuna daqxejn ismar illi kellu xi basktijiet f'idejh. Jason Schembri (a fol.30) xhed illi meta qabdu lill-imputat, **dan mill-ewwel ammetta illi l-basktijiet ma' kienux tieghu, kien telaqhom, talabhom ma jcemplux lil**

**Pulizija u kien harab jigri.** Kien hemm kopja minn *Finland*, kienu gharfu l-baskett taghhom u dawn hadu pussess tieghu. Jason Schembri gharaf Dok.KA3 bhala wiehed mill-basktijiet illi kienu misruqa. Huwa xhed illi f'din minnhom l-imputat kien hareg tlett (3) siringi u telaq jigri.

A fol.45, l-Ispettur Keith Arnaud ezebixxa Dok.KA5 (a fol.48) ricerka dwar armi u kkonferma illi **l-imputat ma kellu l-ebda tip ta' licenzja biex izomm jew igorr xi arma.** L-Ufficjal Prosekutur ezebixxa wkoll Dok.KA4 illi hija l-fedina penali ta' l-imputat.

PS 70 Omar Caruana (a fol.49) xhed illi huwa kien innota istruzzjonijiet sabiex jarresta lill-imputat illi kien qieghed fi Triq *Ponsomby* u dana wara li kienu rcevew telefonata minghand Andrew Camilleri dwar serq ta' basktijiet illi kien sehh xi tlett (3) ijiem qabel. **PS 70 Caruana kkonferma u ddentifika lill-imputat bhala l-persuna illi huwa arresta. PS 70 Caruana xhed illi huwa kien akkompanja lill-imputat il-*Local Centre* tal-Marsa u sa meta mar l-imputat, lanqas kien jaf fejn kienet is-sodda tieghu. Ikkonferma wkoll illi l-imputat fl-ebda mument ma ndika lil Pulizija fejn kienu hwejjgu fil-*Local Centre*.**

PC 1354 Claudio Coppola (a fol.52 et seq.) ikkonferma l-istqarrija Dok.KA (a fol.12 et seq.)

A fol.56, Elka Borg ikkonfermat illi waqt illi hija kienet qed tghum l-*Exiles* mal-*boyfriend* taghha kienu telghu mill-ghawm u sabet illi l-*hand-bag* taghha kien misruq. Bdew iffitxuh ma' xatt-il bahar, bdew isaqsu lin-nies u xi hadd kien qalilhom li kien ra ragel b'zewg (2) basktijiet fil-pussess tieghu, pero' l-baskett taghha ma kienx fosthom. F'hin minnhom rat lill-imputat jigri u xi hadd qalilha illi kien il-persuna illi serqilha l-*hand-bag* u ghaldaqstant il-*boyfriend* taghha telaq jigri ghal warajh. Gie lura wara xi nof siegha u qalilha li l-*hand-bag* taghha ma kienx fost dawk li kienu misjuba fil-pussess tal-halliel. Illi ghalhekk bdew ifittxu f'xatt-il bahar u fil-fatt sabu l-*hand-bag* mistohbi taht *boat.* Il-kontenut, pero' tal-*hand-bag* kien

insteraq u cioe zewg (2) *mobiles* u l-flus. **Elka Borg gharfet lill-imputat.**

PS 1214 Julian Dimech (a fol.60) ezebixxa Dok.PS, l-okkorrenza tas-serq tal-*hand-bags.*

Spettur Keith Arnaud (a fol.65) ezebixxa Dok.KAX, Karta ta' l-Identita' ta' l-imputat u Dok.KAX1, rapport ta' l-istess imputat ta' telf ta' Karta ta' l-Identita. A fol.72, l-Ispettur Keith Arnaud ezebixxa Dok.KAX, sentenza tal-Magistrat Dr. Antonio Mizzi, datata 19 ta' Dicembru 2007, sitt xhur prigunerija sospiza ghal sena.

**A fol.71, id-Difiza ezentat lil Prosekuzzjoni mill-prova ta' l-identita' fil-konfront ta' l-istess sentenza u l-imputat accetta tali sentenza bhala mghoddija in gudikat fil-konfront tieghu.**

Victor Spiteri, fit-tieni xhieda tieghu, mghotija fit-18 ta' Dicembru 2008, rega kkonferma x-xhieda tieghu u spejga naqra iktar fid-dettal illi huwa dakinhar kien qieghed ma' habib tieghu, certu Chris Rizzo illi kien qieghed jghum fil-bahar waqt illi huwa kien qieghed fuq il-blat mal-kelb tieghu. Ikkonferma wkoll illi l-imputat kien hariglu tlett (3) seringi illi **kellhom il-labra mikxufa** u li ghaldaqstant huwa kien kostrett li jitilqu ghax beza.

Fit-tieni xhieda tieghu, **Andrew Camilleri, xhed illi huwa kien attwallment ra lill-imputat jisraq baskett li kien jappartjeni lil ragel iehor meta kien tiela' minn fuq il-*beach*** u rega' sostna illi huwa ma rax lill-imputat jisraq il-basktijiet illi kienu jappartjenu lilu u lil *girlfriend* tieghu il-ghaliex dan ma rahx isehh. Ikkonferma wkoll illi kien ta deskrizzjoni ta' l-imputat lil Pulizija mill-ewwel fir-rapport tieghu u tal-hwejjeg illi kien liebes. Andrew Camilleri xhed illi huwa kien ra lill-imputat jisraq baskett ta' zewg (2) turisti u li dawn marru jigru warajh kif ghamel huwa stess. Xhed illi huwa dam jigri warajh mill-*Exiles* sal-*Kapua* u din kienet ir-raguni il-ghaliex kien f'pozizzjoni illi jgharaf lill-imputat. Jinnega illi huwa telaq jigri wara l-imputat b'*harpoon* f'idejh. Ikkonferma wkoll illi l-imputat kien hareg tlett (3) seringi u din kienet ir-raguni illi telquh.

Elka Borg, in kontro ezami, kkonfermat illi l-*hand bag* taghha fil-fatt kienet sabitu taht dghajsa u nnegat illi l-*boyfriend* taghha kellu *harpoon* f'dik il-gurnata. Elka Borg ikkonfermat illi l-imputat gie maqbud bi tlett (3) basktijiet.

L-imputat, Ahmed Abdalla Yakoup, xhed illi dakinhar ta' l-incident huwa kien ma persuna Bulgariza u li ddeciedu illi jmorru sa tas-Sliema fejn xatt-il bahar u dana sabiex, skond kif qallu l-Bulgaru, joqghod jittanta lin-nisa. Nelfrattemp huwa kien tela' fuq fejn il-gabbana jixtri s-sigaretti. Wara ftit l-imputat induna illi siehbu kien telaq u sab baskett fejn kien qieghed bilqeghda l-Bulgaru u t-tfajla illi maghha kien qed jitkellem. Illi huwa ghaldaqstant iddecieda li jigbor il-baskett ghax hasbu illi kien ta' dan il-Bulgaru fejn wara nduna illi ma kienx tieghu. Bdew jigru warajh zewgt (2) irgiel u talabhom skuza. Huwa rritornalhom il-basktijiet. L-imputat xhed illi wiehed minnhom kien tieghu izda, minnhabba li beza' minnhom, hu tahom iz-zewg (2) basktijiet. L-imputat xhed illi wiehed minnhom gie b'*harpoon* u huwa telaq jigri ghax beza. Xhed ukoll illi dan ir-ragel kien spara l-*harpoon* ghalih u ghaddiet brixx minn mieghu. Illi hemmhekk huwa beza u waqaf. Talab lil dan ir-ragel jghidlu x'ried u dana qallu illi huwa kien seraqlu l-*mobiles*. L-imputat xhed illi huwa ma kellu xejn fuqu u urieh is-sigaretti u l-*lighter* illi kienu l-unika affarijiet li kellu fuqu. L-imputat jghid illi fil-baskett tieghu huwa kellu arlogg tal-marka *Casio* u *MP3 Player* u nuccali tax-xemx tal-marka *Rayben.* L-imputat innega illi huwa hareg is-seringi ghall-irgiel illi qabduh. Innega wkoll illi talabhom biex ma jaghmlux rapport lil Pulizija il-ghaliex kien ser jehel il-habs. L-imputat xhed illi huwa ma marx jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija illi l-baskett personali tieghu kien gie mghoddi lil haddiehor u li persuna kienet giet tigri warajh b'*harpoon* il-ghaliex beza mill-Pulizija. L-imputat xhed illi kien ilu fuq id-droga ghal sitt (6) xhur u mbaghad beda jiehu l-*Metadone* ghal erba' (4) xhur u mbaghad waqa fuq is-*Subetix*. L-imputat sahansitra allega illi l-Pulizija ppruvaw isawtuh. L-imputat xhed illi huwa ma qalx lil avukat tieghu fuq it-trattament tal-Pulizija il-ghaliex ma riedx jaghmel azzjoni hazina kontra l-Pulizija u ghaliex beza.

Ikkonsidrat:

Illi l-provi tal-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz huma ta piz konsiderevoli kontra l-imputat stante' illi l-imputat inqabad infragrante mix-xhieda okulari jisraq basktijiet minn fuq ix-xatt tal-bahar ta' l-*Exiles* ta' tas-Sliema. Li tlett (3) irgiel marru jigru warajh u ntercettawh u hadulu l-basktijiet u kien f'dan il-mument illi l-imputat qabad tlett seringi mikxufa mill-but tal-qalziet tieghu u kien f'dan il-mument illi t-tlett (3) irgiel irrilaxxawh u l-imputat telaq jigri. Andrew Camilleri u wiehed mit-tlett (3) irgiel illi ntercettaw lill-imputat, grew ghal zmien konsiderevoli wara l-imputat u cioe mill-*Exiles* sal-*Kapua* u ghaldaqstant kien f'pozizzjoni ghal zmien konsiderevoli illi jgharaf mill-vicin lill-imputat. Xi ftit jiem wara, l-istess Andrew Camilleri, waqt illi kien f'*Ponsomby Street*, il-Gzira, lemah lill-imputat, informa lil Pulizija minnufih illi gew u arrestaw lill-imputat u dana waqt illi Andrew Camilleri kien qed jaghti istruzzjonijiet fuq il-persuna illi kellha tigi arrestata. Sfortunatament anke ghall-imputat, l-istess imputat kien ghadu liebes l-ilbies illi kien liebes meta wettaq is-serqiet mill-akkuza citata. Illi apparti l-basktijiet illi gew misjuba fil-pussess ta' l-imputat, Andrew Camilleri u Elka Borg sabu l-*hand-bag* illi kien misruq taht *boat* fil-vicinanzi ta' fejn inqabad l-imputat, zvojtat mill-kontenut kollu tieghu.

Kontra dawn il-provi zgjaccanzi hemm l-istqarriji ta' l-imputat u x-xhieda li ta viva voce quddiem il-Qorti. Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa Dok.KA u Dok.KA2, flimkien mat-testimonjanza ta' l-imputat, hi tal-fehema illi l-istqarriji ta' l-imputat u t-testimonjanza tieghu huma mizghuda minn inkonsistenzi tant grossolan illi ma jaghmlux sens. Dan qieghed jinghad il-ghaliex l-imputat fl-ewwel stqarrija tieghu Dok.KA, jinnega illi kien tas-Sliema jew fl-inhawi ta' tas-Sliema, fid-data ndikata fic-citazzjoni. Jinnega illi qatt ma seraq xi baskett u li l-persuni li kienu qeghdin jaghmlu tali allegazzjonijiet kienu zbaljati jew giddibin. Fit-tieni stqarrija tieghu (Dok.KA2) hemm l-istess cahda kategorika ghall-allegazzjonijiet maghmula. Fit-testimonjanza mbaghad illi l-imputat ta quddiem il-Qorti, l-imputat

iwarrab dak kollu illi ghamel fl-istqarriji tieghu u jipprova jipperswadi lil Qorti illi huwa kien mar tas-Sliema ma' Bulgaru, li jibqa' bla isem u bla ebda partikolarita' ohra u li kien dan il-Bulgaru illi wettaq is-serqiet kollha waqt illi huwa kien tela' jixtri xi sigaretti mill-gabbana aktar 'il fuq lejn il-gnien. L-imputat jipprova jipperswadi lil Qorti temmnu meta jghid illi huwa nizel lura fuq il-*beach* biex ifittex lil dan il-Bulgaru illi kien qabad u telaq mat-tfajla tieghu. Illi l-imputat kien sab baskett fejn l-ahhar illi kien ra lil dan il-Bulgaru u li kien qabad dan il-baskett ghax haseb illi kienu tal-Bulgaru u telaq bih. Illi tlett (3) Maltin kienu segwewh u li hu talabhom skuza, halla l-basktijiet u telaq jigri u telaq jigri il-ghaliex wiehed mill-Maltin tela' ghalih bil-*harpoon* u gera warajh fit-triqat ta' tas-Sliema, spara fuqu sahansitra bil-*harpoon*. L-imputat wara li gie mistoqsi diversi drabi, iddikjara illi fl-ebda hin ma ghamel rapport kontra dan l-attakk sfaccat fil-*harpoon* f'xi Ghassa tal-Pulizija u bl-istess manjiera ma ghamielx rapport l-Ghassa tal-Pulizija illi hu kien kostrett illi jhalli l-baskett tieghu f'idejn dawn il-Maltin il-ghaliex beza minnhom. L-imputat mbaghad xtaq jipperswadi lil Qorti fuq maltrattament tal-Pulizija illi:

*"Kienu ser ihebbu ghalih."*

Mitlub ripetutament il-ghaliex ma gabx din l-affari a konjizzjoni ta' l-Ispettur li hadlu l-istqarrija u l-ewwel avukat tieghu meta deher quddiem il-Qorti, l-imputat ghal darb'ohra ppretenda lil Qorti ser temmen il-banalita' ta' skuza illi gab u **cioe illi ma riedx jaghmel azzjoni hazina lil Pulizija.**

Il-Qorti fid-dawl ta' dawn il-provi ma tistax ma tasalx ghal l-unika konkluzjoni illi tista' moralment u legalment tasal ghaliha, illi l-imputat huwa halliel inkompetenti u giddieb fjakk.

Il-Qorti rat ix-xhieda ta' l-Ispettur dwar nuqqas ta' licenzja ta' l-arma u s-sentenza ezebita li x-xhieda ta' identita' giet ezentata mid-difiza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 261(c), 267, 279(a), 339(1)(b), 49, 50, 289, 28(a) sa 28(h) u 41(1)(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta; Artikoli 6, 51(7), 55(a)(b), 56, 57 u 61 tal-Kap.480 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat, Ahmed Abdalla Yakoup, ghal sentejn prigunerija. In oltre’ tirrendi operattiva s-sentenza tal-Magistrat Dr. Antonio Mizzi tad-19 ta’ Dicembru tat-2007, billi tikkundanna lill-imputat ghal sitt (6) xhur prigunerija. B’total ta’ sentejn u nofs prigunerija. Minn dan il-perijodu ta’ prigunerija jrid jitnaqqas iz-zmien illi l-imputat ghamel f’arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------